MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2007

Numru. 111/2002

Il-Pulizija
(Spettur Nezron Grixti)

vs

Clifford Micallef

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, Clifford Micallef, ta' 20 sena, iben (L) Alfred u Doris nee' Pisani imwieled Pieta' fl-12.11.81, residenti 21 Triq Patri Marjanu Vella, Sliema u detentur ta' karta ta' l-identita' numru 625681(M) li permezz taghhom huwa gie akkuzat li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-7 ta' Frar, 2002 u matul l-ahhar 18 il-xahar qabel din id-data kellu fil-

pussess tieghu medicina ristretta u psikoltropika (ecstasy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tar-regolament 5 (1) ta’ l-Avviz Legali 22 ta’ l-1985 kif sussegwentement ammendat u 40A u 120A u t-tielet skeda ta’ l-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 16 ta’ l-Att V tal-1985 kif ammendat, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu personali tieghu;
b) kellu ukoll fil-pusses tieghu r-raza mill-pjanta Cannabis bi ksur ta’ l-artikolu 8 (a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tissekwestra f’idejn terzi persuni b’mod generali il-flejjes u l-propjeta’ mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu imissu lill-akkuzat jew huma proprjeta’ tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzat milli jitrasferixxi jew xort’ohra jiddisponi minn xi proprjeta’ mobbli jew immobbli,

Il-Qorti hija mitluba, sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti,skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-Avukat Generali (a folio 5 u 6 tal-process) ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi gudikata mill-Qorti Kriminali. Rat li fid-debitu interrogatorju (a folio 7) l-imputat wiegeb li mhux hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat li fil-mori ta’ din il-kawza, kif jidher a folio 165 tal-process, gie prezentat kontro-ordni mill-Avukat Generali ai termini ta’ l-Artikoli 22 (2) tal-Kap 101 u 120A (2) tal-Kap 31 sabiex din il-kawza tigi gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

In succinct din il-kawza titratta rejd imwettqa mill-Pulizija tat-Taqsima Kontra d-Droga li saret fis-7 ta' Frar, 2002 ghall-habta tas-13.30hrs. gewwa l-fond 21, Triq Patri Marjanu Vella, Sliema. Waqt din ir-rejd il-Pulizija sabet diversi affarijiet fil-post u senjatement borza tal-plastic li kien fiha seba' pilloli sofor, tlett sachets tal-foil li kien fihom xi sustanza, bicca ohra raza tal-Cannabis fil-foil, bicca ohra raza tal-cannabis mhux gol-foil, erba' pakketti karti tar-rizla, pillola wahda ta' l-ecstasy, sbatax-il grossa sigaretti, disa' e-talk starter packs tal-Vodafone, is-somma ta' LM1,609 f'kontanti, borza tal-plastic bi tlett mija u disghin pillola ecstasy u skkina mahruqa u boroz zghar tal-plastic mhux uzati. Elenku dettalajt ta' l-oggetti misjuba u elevati waqt ir-rejd jinsab esebit a folio 18, 19 u 20 tal-process fir-relazzjoni ta' PS881 Charles Grech. Meta saret ir-rejd il-Pulizija tat-Taqsima Konta d-Droga dahhlu fl-imsemmi fond ma' Doris Micallef li hija omm l-imputat. Huma sabu lill-imputat rieqed fil-kamra tieghu bil-bieb maghluq. Il-Pulizija imbuttaw il-bieb 'l gewwa u sabu lill-imputat rieqed fuq is-sodda u liebes 'boxer shorts' b'zaqqu barra. Fil-fond fejn saret ir-rejd kienu jghixu omm l-imputat, Doris Micallef, l-imputat u huh Kieth Micallef. Dan ta' l-ahhar ma kienx prezenti meta saret ir-rejd. Huwa kien jorqod fl-istess karma ma' l-imputat. Fil-kamra tas-sodda fejn kien rieqed Keith Micallef, instabet is-somma ta' LM1,609 in kontanti, bicca razza Cannabis, xi rizla papers u pillola wahda ecstasy bit-timbru Mitsubishi. F'partijiet ohra tad-dar, senjatement taht it-tarag, instabu seba' pilloli ohra sofor, tlett sachets bil-pilloli ecstasy mfarrkin, note book zghir b'notamenti, sbatax il-grossa sigaretti u disa' e-talk starter packs tal-Vodafone. Waqt li kienet qed issir tfittxija fuq il-bejt tal-fond fejn kien jghix l-imputat instabu boroz tal-plastic zghar mhux uzati li kienu gewwa borza tal-plastic akbar u daqxejn imqabra. Fuq it-turetta tal-bejt tal-fond aggjacenti ma' dak fejn saret i-rejd, u cioe' fejn kien jirrisjedi l-imputat flimkien ma' ommu u huh, instabet borza bi tlett mija u disghin (390) pillola ecstasy kif ukoll sikkina mahruqa.

Il-kwistjoni kollha f'din il-kawza tirrigwarda proprju din il-borza bi 390 pillola ecstasy. Il-Prosekuzzjoni tallega li din il-borza hija ta' l-imputat u li huwa kien tefa' din il-borza

fuq it-turretta tal-fond aggjacenti waqt li kienet qed issir ir-rejd. Il-Prosekuzzjoni tallega li waqt li kienet qed issir tfittxija fil-mutur ta' l-imputat, liema mutur kien parkeggat barra d-dar, l-imputat li kien fuq l-ghatba liebes *t-shirt* u *shorts* qed josserva t-tfittixija fil-mutur dahal jigri gewwa u tela' fuq. PS 765 Sammy Attard tela jigri warajh u lahqu hdejn it-tieqa tal-washroom. L-imputat ighid li huwa tela' fuq sabiex jilbes flokk peress li kien qed ihoss il-bard. Il-Qorti sejra issa tezamina bir-reqqa il-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni inkwantu jirrigwarda dan l-incident fejn l-imputat tela' fil-washroom u s-sejba tal-borza bi tlett mija u disghin (390) pillola ecstasy li nstabu fuq it-turretta tal-fond agjacenti ghall-fond fejn kien ighix l-imputat.

Ps 765 Sammy Attard li xehed fis-seduta tad-19 ta' Frar, 2002 jghid li sakemm kienu qed jaghmlu s-search fil-mutur ta' l-imputat, li kif diga' ntqal aktar 'l fuq, kien parkeggat barra, l-imputat li kien "lahaq libes t-shirt, ghazel li jibqa' mal-bieb fuq it-targa… f'xi hin l-imputat telaq' jigri gewwa, jiena tlaqt nigri warajh u nilhqu, qisu jinqala' minn mat-tieqa ta' fuq il-washroom. Jiena staqsejtu x'tela jaghmel …. Hu qal li mar sabiex igib flokk minn fuq." Dan ix-xhud ighid li dak il-hin it-tieqa kienet miftuha u huwa hares barra mit-tieqa u innota li kienet waqfet ix-xita. Fir-rigward tat-tieqa tal-washroom li kienet taghti ghal fuq il-bejt, PS 102 Anthony Portelli li xehed fis-seduta tad-19 ta' Frar, 2002, qal li meta dahlu fil-fond in kwistjoni sabiex isir ir-rejd huwa kien tela' fuq akkumpanjat minn omm l-imputat u kien gie innutat li t-tieqa tal-washroom kienet maghluqa. Dan ix-xhud qal ukoll li sa ftit tal-minuti qabel ma nbdiet ir-rejd kienet niezla x-xita. L-istess xhud qal li waqt li kienu qed jaghmlu tfittxija fuq il-bejt innota lill-imputat ihares fid-direzzjoni tat-turretta tal-bejt agjacenti u dan donnu gibidlu l-attenzjoni li seta' kien hemm xi haga hemmhekk. Fil-fatt instabet il-borza bi 390 pillola ecstasy u s-sikkina mahruqa. Il-borza bi 390 pillola ecstasy kienet xotta u cioe' ma kienetx imxarrba bl-ilma tax-xita jghid l-istess xhud.

Il-Prosekuzzjoni tallega wkoll li xi ftit tal-hin qabel ma l-imputat tressaq il-Qorti taht arrest huwa kien qal li xtaq jikkopera mal-Pulizija u jkellem lill-Ispettur Nezrin Grixti.

Dan ta' l-ahhar xehed (ara xhieda a fol 58 sa 60 tal-process) li l-imputat "kien stqarr maghna li d-droga li giet mitfugha ghal fuq il-washroom tal-bejt li hemm biswit id-dar tieghu, huwa tieghu." L-Ispettur Grixti jghid li l-imputat kien qallu dawn il-kliem fil-prezenza ta PC 102. Dan PC 102 qal li l-imputat kien talbu sabiex ikellem lill-Ispettur, qal li xtaq jikkopera mal-Pulizija izda ma xtaqx ibidddel ebda verzjoni fuq l-istqarrija minnu rilaxxata " Li qal ukoll illi dik id-droga li kienet instabet kienet tieghu, u rigward xi diskors iehor li kien intqal, xtaq li ma jintqalx, jinzamm bejni u bejn l-Ispettur ….".

Kemm PC 102 kif ukoll PS 765 ikkonfermaw li l-pillola ecstasy bil-marka Mitsubishi li nstabet fil-kamra tas-sodda ta' l-imputat kienet identika ghat-390 pillola ecstasy li nstabu fuq il-washroom tal-fond agjacenti ghal dak ta' l-imputat. F'dan ir-rigward l-Ispizjar Mario Mifsud, u cioe' l-espert nominat fl-atti ta' l-inkjesta Magisterjali minn din il-Qorti sabiex jispezzjona d-droga li giet elevata waqt ir-rejd, (ara relazzjoni a folio 113 et seq tal-process) ikkonferma fix-xhieda moghtija fis-seduta tas-26 ta' Lulju, 2002 li "il-qisien kemm il-hxuna tal-pillola, u kemm id-dijametru, u l-marki fuqha kienu simili ma' xulxin u anke s-sustanza kimika taghha kienet simili mat-390. Kien hemm somiljanza kbira bejniethom".

Rigward il-fond agjacenti ghal dak ta' l-imputat, fuq il-bejt ta' liema instabet il-borza bi 390 pillola ecstasy il-Prosekuzzjoni ressqet provi li jindikaw li l-propjetarja ta' l-imsemmi fond kienet mara anzjana li ma baqghetx tghix fil-fond minhabba ragunijiet ta' mard u hija fil-fatt kienet qed tghix ma' bintha Rose Galea. Din ta' l-ahhar ikkonfermat dan kollu meta xehdet fis-seduta tad-19 ta' Frar, 2002.

L-imputat irrilaxxa stqarrija lill-Pulzija (esebita a folio 13 tal-process) fejn filwaqt li ghazel li ma jwegibx meta sarulu domandi dwar il-pilloli ecstasy u oggetti relatati ma' l-abbuz tad-droga li nstabu fil-kamra tieghu u taht it-tarag fl-istess fond, cahad li 390 pillola ecstasy kienu tieghu. L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri (ara deposizzjoni relattiva a folio 175 et seq tal-process). Huwa

xehed li fiz-zmien li saret ir-rejd in kwistjoni kellu problema ta’ abbuz mid-droga u huwa kien jiehu hafna droga ecstasy u haxixa. Huwa jghid li meta tela’ fuq il-kamra tal-bejt il-Pulizija kienu qed iffittxu barra l-kamra tieghu u jsostni li huwa kien tela’ fuq sabiex igib flokk. Huwa ammetta li r-reza tal-cannabis u l-pilloli ecstasy li nstabu fil-kamra fejn kien rieqed kienu tieghu. L-imputat isostni li meta tela’ warajh is-surgent tal-Pulizija it-tieqa tal-washroom kienet maghluqa. Huwa qal li ma kienx talab lill-Pulizija permess sabiex igib flokk mill-washroom u jghid li huwa kellu hwejjeg fil-kamra tieghu izda peress li “fil-kamra tieghi kelli bicca smoke u ma ridthomx dak il-hin jidhlu fil-kamra tieghi u jsibu l-ismoke”. L-imputat cahad li huwa kien fetah it-tieqa tal-washroom u spjega li huwa kien qabad flokk minn fuq il-horse li kien ezatt mat-tieqa. F’dan ir-rigward PS765 waqt konfront li sar ma’ l-imputat fis-seduta tas-26 ta’ Jannar, 2005, xehed li l-horse kien fuq in-naha tax-xellug tal-washroom filwaqt li lill-imputat huwa kien rah fuq in-naha tal-lemin tal-washroom u jispjega li l-imputat kien tela’ jigri fuq girja sfrenata u kif huwa lahhqu, l-imputat nizel minn mat-tieqa b’nifsu maqtugh u ecitat ferm.

Il-Qorti ezeminat bir-reqqa l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni in kwantu jirrigwarda l-borza bi 390 pillola ecstasy u s-sikkina mahruqa li nstabu fuq il-washroom tal-fond agjacenti ghal dak ta’ l-imputat u jidrilha li l-istess prosekuzzjoni irnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-Ligi fil-kamp kriminali, u cioe’ lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-borza bi 390 pillola ecstasy u s-sikkina kienu ta’ l-imputat. Ghalkemm ma tressqitx prova ta’ xi hadd li fil-fatt ra lill-imputat  iwaddab jew jitfa’ l-borza barra mit-tieqa tal-washroom ghal fuq it-turretta tal-fond agjecenti, gew imressqa diversi provi cirkostanzjali li ma jhallu ebda dubbju f’mohh din il-Qorti li l-imputat kien tefa’ l-borza in kwistjoni barra mit-tieqa tal-washroom u li t-390 pillola ecstasy kienu tieghu.

Illi f’dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) f’sentenza ta’ l-24 ta’ April, 2003 fil-kawza fl-ismijiet “Ir-Repubblika ta’ Malta vs Eleno sive Lino Bezzina” fir-

rigward tal-grad ta’ prova rikjest fil-kamp kriminali u cioe’ is-segwenti :-

“Illi l-grad ta’ prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni, sakemm ma jkunx hemm specifikat mod iehor fil-ligi, huwa tal-htija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni…. Illi min-naha l-ohra d-difiza, msahha bil-presunzjoni ta’ l-innocenza ta’ l-akkuzat, tista’ tibbaza u/jew tipprova l-kaz taghha anki fuq bilanc ta’ probabilita’, jigifieri jekk huwa probabbli li seta’ gara dak, li gie rrakuntat mill-akkuzat kif korroborat mic-cirkostanzi jew le”.

Fl-imsemmija sentenza il-Qorti ghamlet referenza ghal sentenza taghha f’sede inferjuri deciza fil-5 ta’ Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet ‘Pulizija vs Peter Ebejer’ fejn il-Qorti kienet qalet hekk.

“Ta min ifakkar hawnhekk li l-grad ta’ prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta’ prova li ma jhalli ebda ombra ta’ dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbju dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha u b’applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. Ghamlet sew infatti l-ewwel Qorti li ccitat b’approvazzjoni l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz “Miller vs Minister of Pensions” (1974) 2 All E.R. 372 tal-espressjoni proof beyond a reasonable doubt; “Proof beyond a reasonable doubt doe not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence “of course it is possible but not in the least prabable’ the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice.”

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghal dak li qalet il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali (sede inferjuri) f’sentenza tas-6 ta’ April, 2007 fil-kawza fl-ismijiet ‘Il-Pulizija vs Paul Grech’

fejn gie stabbilit “li l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f’mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubbju ragonevoli mir-reita’ ta’ l-imputat.

Fil-kaz odjern irrizultaw diversi fatturi, cirkostanzi u ndizzji illi l-Qorti thoss li huma sufficjenti sabiex jigi pruvat li l-borza bi 390 pillola ecstasy kienet ta’ l-imputat. Dawn il-fatturi huma is-segwenti:-

1. Il-fatt li l-imputat tela’ jigri fil-washroom sabiex igib flokk meta fis-sular t’isfel fejn kien jinstab kien hemm il-kamra tieghu fejn huwa kellu l-hwejjeg. Ir-raguni moghtija mill-imputat f’dan ir-rigward ma tistax titwemmen anki ghaliex mill-provi rrizulta li fil-mument li l-imputat tela’ fil-washroom kienet diga’ giet effetwata is-search fil-kamra tieghu u kienet diga’ nstabet il-bicca raza tal-cannabis li huwa jsostni li ma riedx lil Pulizija jsibu.
2. Il-fatt li l-borza nstabet kompletament xotta meta sa ftit minuti qabel kienet niezla ix-xita. Dan jindika li l-borza kienet ghadha kemm tpoggiet fil-post fejn instabet ghaliex altrimenti kienet tkun imxarrba.
3. Il-fatt li fil-fond fejn instabet l-imsemmija borza ma kien jghix hadd fiz-zmien li saret ir-rejd u li l-propjetarja ta’ l-istess fond kienet minn zmien qabel marret tghix ma’ bintha u dan minhabba li kienet marida serjament.
4. Il-fatt li meta l-Pulizija dahlu fid-dar sabiex jaghmlu r-rejd it-tieqa tal-washroom kienet maghluqa filwaqt li meta l-imputat instab qed jinqala’ minn mat-tieqa, l-istess tieqa kienet miftuha.
5. Il-fatt li Keith Micallef hu l-imputat fl-istqarrija li rrilaxxja lil Pulizija (a folio 37 u 38 tal-process), liema stqarrija giet debitament konfermata bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti, qal li l-borza bi 390 pillola setghat kienet ta’ huh.
6. Il-fatt li l-fond fejn instabet il-borza kien accessibbli biss mill-fond ta’ l-imputat tramite l-bjut.

Wara li kkunsidrat l-imsemmija fatturi, cirkostanzi u ndizji, din il-Qorti tinsab moralment konvinta lil hinn minn kwalunkwe dubbju dettat mir-raguni li l-prosekuzzjoni

rnexxielha tipprova li l-borza bi 390 pillola ecstasy u s-sikkina mahruqa kienu jappartjenu lil-imputat. Min-naha l-ohra it-tezi ta' l-appellant li huwa tela' fil-washroom sabiex igib flokk m'hijiex kreddibbli.

Il-Qorti jidrilha li l-kwantita' ta' droga li giet elevata mill-Pulizija meta sar ir-rejd zgur li ma tistax titqies li kienet ghall-uzu esklussiv tieghu u l-Qorti qeghda issib lill-imputat hati ta' pussess aggravat ta' l-imsemmija droga.

Il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, wara li rat l-Artikolu 31 tal-Kap 9, l-Artikoli 40A u 120A u t-Tielet Skeda tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 5 (1) ta' l-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat, l-Artikolu 16 ta' l-Att V tal-1985 kif emendat, u l-Artikoli 8(a) u 22 tal-Kap 101 issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ta' tmien xhur li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz kif ukoll ghal multa ta' LM1,000.

Ghal finijiet ta' piena, il-Qorti kkunsidrat il-fatt li mill-provi mressqa mill-imputat irrizulta li huwa ttermina b'success programm residenzjali mal-Caritas sabiex jehles mill-problema ta' l-abbuz tad-droga u l-fatt li skond ix-xhieda ta' Mariella Balzan moghtija fis-seduta tat-3 ta' Mejju, 2005, mill-urine tests li kienu qed isiru b'mod regolari fuq l-imputat kien jidher li huwa kien ilu ma jiehu droga ghal tlett snin u nofs.

Il-Qorti qed tordna wkoll il-konfiska u d-distruzzjoni ta' l-esebiti kollha konsistenti f'sustanzi /medicini perikoluzi u oggetti ohra relatati ma' l-abbuz tad-droga liema distruzzjoni ghandha ssir taht id-direzzjoni tar-Registratur tal-Qorti li ghandu jirredigi process verbal fir-rigward.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-ammont ta' LM1,609 elevat mid-dar ta' l-imputat waqt ir-rejd.

Wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kap 9 il-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjes kollha konnessi mal-hatra ta'

esperti f'dawn il-proceduri. Il-multa u l-ispejjes jistghu jithallsu f'rati mensili ta' LM50 fix-xahar, bl-ewwel pagament isehh fi zmien erba' gimghat mill-lum, b'dan pero' li fin-nuqqas ta' xi pagament wiehed, il-bilanc ikun dovut kollu f'daqqa. Fin-nuqqas ta' hlas ta' parti mill-multa, il-parti mhux imhallsa tinbidel f'jum prigunerija ghal kull hames liri (LM5) mhux imhallsin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------